MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru 225/2014

**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**JACQUELINE RAPINETT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jacqueline Rapinett ta' 37 sena, bint Carmelo Rapinett u Pauline Rapinett nee' Farrugia, mwielda Pieta' fil- 25 ta' Novembru 1976, residenti gewwa Blokk 16, Flat 1, Triq Sofija, Bormla u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 56077M;

Talli;

1) Nhar it- 30 ta' Dicembru 2013 bejn l- 16.00hr u l- 17.00hrs gewwa Triq il- Kbira, San Guzepp, Hamrun, ikkomettiet serq ta' mowbajl, Ipod, portmoni u dokumenti, li l- ammont taghhom jeccedi €233 imma ma jeccedix l- ammont ta' €2,330 ghad- detriment ta' Joan Nelson, liema serq huwa aggravat bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa;
2) Nhar id- 9 ta' Jannar 201 bejn 11.40hrs u 12.00hrs gewwa Daniel's Shopping Complex li jinsab gewwa Triq il- Kbira San Guzepp, Hamrun, ikkomettiet serq ta' pakkett tas- sigaretti, li l- ammont tieghu ma jeccedix €233 ghad- detriment ta' Anthony Fenech;
3) Rrendiet ruhha recidiva b' diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati, Appell Kriminali liema sentenzi saru definttivi u ma jistghux jigu mibdula;
4) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi talli kisret il- provedimenti tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta b'sentenza li giet definittiva nhar it- 23 ta' April 2013 mill- Magistrat Dr A. Mizzi LL.D;
5) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- provediment tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenza li giet definittiva nhar il- 11 ta' April 2013 mill- Magistrat Dr Micallef Trigona LL.D;
6) Aktar talli ikkomettiet reat waqt il- perjodu operattiva tas- sentenza sospiza moghtija lilha minn Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D

nhar il- 31 ta' Ottubru 2013 liema sentenza definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputata giet imwissija solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 49, 50, 28A u 28B tal- Kap 9 u Artikoli 7 u 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni l- Qorti ssib lill- imputata hatja u tordna li titqieghed taht probation ghal perjodu ta' tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Testendi l- perjodu operattiv tas- sentenza sospiza datata 31 ta' Ottubru 2013 ghal erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------